**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Settembru, 2015**

**Rikors Nru: 775/2015 AF**

**Fl-atti tal-Mandat tal-Qbid nru: 1754/14CP**

**J Zammit Marketing Limited C35834**

**vs**

**L-Av Dottor Joseph Ellis bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Jason Sammut (ID 478074(M)) a tenur tad-digriet tat-13 ta' Gunju 2014**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Jason Sammut imressaq fit-123 ta' Awissu, 2015 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, talab lil din il-Qorti thassar mandat ta' qbid ezekuttiv mahrug fil-konfront tieghu mis-socjeta` J. Zammit Marketing Limited fis-7 ta' Novembru 2014.

Rat id-dokument anness.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta ta' J.Zammit Marketing Limited li in forza taghha, ghar-ragunijiet fiha moghtija, l-istess socjeta` sostniet li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li r-rikors thalla ghal-lum sabiex jinghata provvediment fir-rigward.

Ikkunsidrat illi din hija procedura ghat-thassir ta' mandat ezekuttiv a tenur tal-Art 281 tal-Kap 12.

Il-fuq imsemmi Artikolu tal-Ligi jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) Minghajr pregudizzju ghall kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward hija cara u kostanti.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawza Pace vs Sultana:

> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-*

*mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg.  Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu.  Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.  Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug tal-Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji.  Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"*

Ir-rikorrenti f'din il-procedura isejjes it-talba tieghu fuq artikolu f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li allegatament jipprovdi ghat-telf ta' beneficcju tat-terminu f'nuqqas ta' pagament rateali u jsostni illi ghaldaqstant, galadarba b'dan in-nuqqas kien gia skatta l-kreditu sa minn Settembru 2010, ma setax jigi esegwit minghajr ma tigi segwita l-procedura tal-Art 258(c) tal-Kap. 12 u tipprovdi li wara:

*"l-gheluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skont l-artikolu 166A seta' gie esegwit,*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti.  Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

Ghandu jigi enfasizzat illi fi proceduri bhal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluza milli tqis il-mertu tal-kreditu ezistenti bejn il-partijiet.  Kif elaborat il-Qorti fil-fuq citata sentenza:

*"ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew*

*imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg."*

Is-setgha tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata ghall-ezami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluza milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12. Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenza fil-kawza Chetcuti vs St George's Park Co Ltd.

Il-Qorti rat il-mandat ta' qbid li qed jintalab it-thassir tieghu u ma tirriskontra fih ebda irregolarita`. Hareg mill-Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif suppost mir-Registratur.

Inoltre, il-Qorti tinnota illi kien jinkombi fuq l-istess rikorrent jgib kull prova li setghet twassal lill-Qorti tqis it-talba tieghu favorevolment. F'dan huwa naqas meta ghazel li ma jressaq bhala prova ebda kopja tal-kuntratti li fuqhom, qieghed isejjes it-talba. Lanqas ma ressaq ebda prova relatata mal-pagamenti, imhallsa jew nieqsa. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza Cassar vs Platinium International Limited (25 ta' Frar 2015) fejn il-Qorti rriteniet hekk:

*"Illi fil-fatt l-artikolu 281 innifsu jimponi obbligu fuq id-debitur ezekutat illi flimkien mar-rikors ghandu jipprezenta id-dokumenti kollha illi isostnu l-istess rikors. Dana ma sarx u allura l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tinvestiga il-lanjanza abbazi ta' allegazzjonijiet biss maghmula miz-zewg kontendenti."*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Jason Sammut kontenuta fir-rikors tat-12 t'a Awissu 2015. L-ispejjez jithallsu minn Jason Sammut.

IMHALLEF